MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 123/2002/1

**Michael Debono Limited**

**Vs**

**James u Yvette konjugi Casha**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm622), hlas dovut fuq kambjali li mmaturaw u baqghu ma thallsux.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehru ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Carlo Bisazza in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm622), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.
L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**